# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 22 ta' Jannar 2018

## Talba Nru: 526/17 CZ

## Avv. Joseph Gauci ghan-nom u in rapprezentanza ta' San Anton School

**vs.**

**Sharon Debono**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur nomine mressqa fis-16 ta' Novembru 2017 fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn u tnejn u sebghin Euro (€2,072),

rapprezentanti bilanc rimanenti rapprezentanti mizati u/jew spejjez ancillari dovuti lill-attur in konnessjoni ma' servizzi edukattivi rezi fuq talba ta' l-istess konvenuti a favur u a beneficcju ta' wild il-konvenuta, liema ammont baqa' ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra bonarja tal-21 t'April 2017, kif ukoll ta' kull mandat kawtelatorju li jista' jigi intavolat sakemm tinghata s-sentenza, u l-imghax legali mid-data ta' l-interpellazzjoni tal-21 t'April 2017, kontra l-konvenuta, li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentax risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Sema' x-xiehda ta' l-Uxxier tal-Qorti Ronald Tabone tas-17 ta' Jannar 2018.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tas-17 ta' Jananr 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-attur nomine tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' elfejn u tnejn u sebghin Euro (€2,072) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kif mitluba u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur